MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 254/2007

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Dexter Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Dexter Bezzina ta' ghoxrin sena, imwieled fil-21 ta' Novembru 1986, iben Martin u Josephine nee' Farrugia, imwieled Pieta', detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 546686(M), residenti Blk B Flat 6 St. Nicholas Street, Valletta.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' 3 ta' Dicembru 2006, kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2008,[1] l-imputat irregistra ammissjoni ghall-pussess semplici tal-ecstasy biss pero' mhux ghall-pussess aggravat.

Wara li semghet it-trattazzjoni mill-partijiet;

Ikkunsidrat:

**It-Talba tad-Difiza sabiex l-Istqarrija tal-Imputat tigi skartata**

[1] Ara fol. 18 tal-process.

Qabel il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu tal-kawza, il-Qorti sejra tikkunsidra t-talba tad-difiza proprju fis-seduta li fiha saret it-trattazzjoni finali[2] fejn talbet li l-istqarrija tal-imputat tigi skartata. Fil-fatt fl-istess seduta gie verbalizzat hekk:

*"Dr Jose Herrera jinvita lill-Qorti tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dan minhabba li l-istess imputat ma kellux access ghal avukat u dan konformament konfromament mal-gurisprudenza ricenti ta' dawn il-Qrati.*

*L-Ufficcjal Prosekutur, in vista tat-talba li ghadha kemm ghamlet id-difiza, jirrileva li fid-9 ta' Ottubru 2009 quddiem din il-Qorti diversament preseduta, Dexter Bezzina ta x-xhieda tieghu kif jirrizulta minn fol. 28 tal-process, fejn fuq mistoqsija tal-avukat tieghu Dexter Bezzina kkonferma l-istqarrija li kien rrilaxxja lill-pulizija u ghamilha parti mid-difiza tieghu. Ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni umilment temmen li la l-istess imputat qed juza l-istqarrija rilaxxjata lill-Pulizija fi zmien meta l-ligi ma kinietx taghti dritt li wiehed jikkonsulta ma avukat qabel jirrilaxxja stqarrija lill-pulizija, din l-istess stqarrija kif konfermat mill-imputat ma naqqsitlu l-ebda dritt jew ghamlet xi ksur ta' xi dritt fil-konfront tieghu.*

*Id-difiza tirrileva li l-posizzjoni legali zvilppat wara d-deposizzjoni tal-imputat. Huwa palesi wkoll li hadd ma seta jakwijexxi ruhu ghal stat ta' illegalita specjalment jekk f'dak l-istadju ma jkunx jaf li qed jaghmel hekk. Fil-fatt fil-kawzi ta' din ix-xorta quddiem Strasbourg, il-Qorti taghmel enfasi u tghid illi l-akwiexxenza ta' stat llegali jew ir-rinunzja ta' dritt fundamentali, irid ikun car u inekwivoku. F'dan il-kaz, dan ma setax ikun ghax il-posizzjoni legali kienet ghadha dik li kienet. In oltre, il-kwistjoni ta' kif ghandha tittiehed stqarrija hija kwistjoni procedurali u ghalhekk ghandha tinghata piz retroattiv. Wara kollox, il-posizzjoni legali ta' allura nbidlet anke minhabba l-principju tal-ius superveniens. Madanakollu, pero jinghad illi l-istatement in kwistjoni mhux xi wiehed inkriminanti imma forsi maghmul b'mod skombossolanti."*

Fis-sentenza ta' **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-*

[2] Ara fol. 56-57 tal-process

*Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[3]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[4]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[5]

In oltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[6], **Il-Pulizija**

[3] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[4] Deciz fil-11 ta' April 2011.
[5] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.
[6] *Per* Imhallef David Scicluna.

**vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[7], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[8] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[9]).

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputat Dexter Bezzina kellu 20 sena. Ghalkemm ma rrizultax li huwa kellu esperjenza qabel ta' interrogatorju mill-pulizija, l-imputat ma kienx minorenni u lanqas allega li kien ibati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita', hekk li jkun jista jinghad li facilment seta' jkun intimidat bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. Inoltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti, u ghalhekk ma hemmx biza' li l-imputat seta' stqarr htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

Inoltre qabel l-interrogatorju, l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqgha sieket u ma jwiegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrija ittiehdu f'Dicembru 2006, kien biss fis-seduta tat-31 ta' Ottubru 2011, li l-imputat issolleva l-kwistjoni li l-istqarrija tieghu ttiehdet minghajr ma kellhu assistenza legali. Matul dawn il-hames (5) snin, l-imputat qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija tieghu jew li jichad il-kontenut taghha. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed ihossu illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija tieghu li, wara kollox, ghamilha liberament. Anzi kif sewwa irrileva l-Ufficcjal Prosekutur fix-xhieda tieghu fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2009, l-imputat, debitament assistit mil-legali tieghu – ovvjament wara li ha l-parir legali tal-avukat tieghu - u fuq mistoqsija espressa tal-legali kif ukoll fuq mistoqsija espressa tal-Qorti, ikkonferma l-istqarrija tieghu.[10]

Fil-verbal tieghu, l-abbli difensur jghid li l-posizzjoni legali dwar l-istqarrija zviluppat wara d-deposizzjoni tal-imputat. Fl-ewwel lok, bhala fatt, dan ma hux korrett ghax il-Qorti Ewropea tat is-sentenza taghha fil-kaz ta' **Salduz** fis-27 ta' Novembru 2008 – u ghalhekk kwazi sena qabel xehed l-imputat. Fit-tieni lok mil-lat legali, kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-10 t'April 2013: *"Difatti mhux talli ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi*

[7] *Per* Imhallef David Scicluna.
[8] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[9] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[10] Ara xhieda tal-imputat a fol. 28 tal-process.

*(artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali), talli fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011 id-difiża għamlet verbal fejn iddikjarat li "qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` u volontarjeta` tal-istqarrija". Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta` tal-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta` ma ġietx messa in diskussjoni. Konsegwentement, in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` tal-istqarrija tal-appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."* Issa fil-kaz odjern, id-difiza mhux biss ma ikkontestatx il-volontarjeta tal-istqarrija, talli kif inghad fix-xhieda tieghu l-imputat, debitament assistit mil-legali tieghu – u ovvjament wara li ha l-parir legali tal-avukat tieghu - ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija fit-totalita taghha.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-Hadd, 3 ta' Dicembru 2006, il-membri tal-Forzi Armati kienu qed jaghmlu *road block* f'Valley Road, B'Kara, u fost karozzi ohra waqfu l-vettura tal-imputat.
2. Fuq il-persuna tal-imputat instabet borza b'18 il-pillola u nofs, suspettati ecstacy.[11]
3. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li l-pilloli kienu ecstacy u li kienu intizi ghal konsum personali tieghu.[12]
4. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li gimghatejn qabel kien xtara 21 pillola minn Paceville waqt party. Huwa uza wahda dak in-nhar li xtrahom, u uza wahda u nofs, is-Sibt ta' qabel gie arrestat.
5. L-espert xjenzat Godwin Sammut fir-relazzjoni tieghu,[13] ikkonkluda li l-pilloli kien fihom MDMA, li hija sustanza kontrollata taht il-Ligi Maltija. Dawn il-pilloli bis-sustanza MDMA huma komunement maghrufa bhala ecstacy.

[11] Ara xhieda tal-Kaptan Andrew Harrison a fol. 13 u fol. 20 tal-process.
[12] Ara l-istqarrija tal-imputat a fol. 8 *et seq.* tal-process.

Il-fatti suesposti mhux qed jigu kontestati mill-kontendenti. Dak li qed jigi kontestat – u allura irid jigi deciz minn din il-Qorti – huwa jekk dawn it-tmintax (18)-il pillola u nofs li nstabu fuq il-persuna tal-imputat ghal uzu tieghu personali - kif qed jallega hu - jew jekk ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu – kif qed tallega l-Prosekuzzjoni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Marius Mallia**, deciza fit-12 ta’ Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[14] irriteniet hekk:

*“Il-principju regolatur f’dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill’hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia, cirkostanza wahda f’dan ir-rigward tista’, skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio*** *[26.8.2998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista’ tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara App. Kriminali* ***Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri*** *[2.9.1999]*

*Illi pero kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi “hard and fast rule” x’inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant ... ... (App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Brian Caruana*** [23.5.2002]**)**

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta’ Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[15] spjegat illi: *“Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta’ pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni* <u>*mhix mehtiega*</u> *ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi*

[13] Ezebita bhala Dok GS a fol. 18 tal-process.
[14] *Per* Imhallef J. Galea Debono.
[15] *Per* Imhallef V. De Gaetano.

*tirrkejedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati."*

In oltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, deciza fit-18 t'Awwissu 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[16] irriteniet illi: *"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat imqar fuq bazi ta' probabbilita', li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*[17]

Issa fil-kaz odjern, l-ammont ta' 18 il-pillola u nofs ecstacy, m'huwiex ammont li wiehed normalment jassocja ma' uzu personali. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li hu l-iktar li ikkonsma kienu pillola wahda jew pillola u nofs ghal serata.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jipprova jiggustifika ghaliex kellu dan l-ammont ta' pilloli fuqu billi jghid li *"Kont rieqed, gie siehbi ghalija, hija qalli li Robin kien gie, hadt il-pilloli tfajthom gewwa l-but u hrigt-il barra."* Pero fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-fatt li gie siehbu ghalih, waqt li l-imputat kien ghadu rieqed, m'hi l-ebda gustifikazzjoni ghalfejn kellu jiehu mieghu il-borza tal-pilloli kollha, meta *ex admissis* fl-istess stqarrija huwa jghid li jikkonsma pillola wahda jew pillola u nofs l-izjed f'serata. Li kellu jaghmel u li ma kienx se johodlu daqshekk hin, kien li jiftah il-borza u jiehu pillola, jew pillola u nofs, u jitfaghhom fil-but.

Fil-kontro-ezami tieghu, l-imputat jerga' jikkonferma li dak iz-zmien hu kien jikkonsma pillola u nofs.[18] Meta gie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni biex jispjega ghalfejn allura kellu tmintax-il pillola ghal lejl wiehed, l-imputat wiegeb semplicement hekk: *"Le mhux ghal lejl wiehed. Imma kienu jservuni tlieta jew erbat ijiem."* Pero, fir-rigward ta' din il-gustifikazzjoni li jaghti l-imputat, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

---

[16] *Per* Imhallef J. Galea Debono.

[17] L-Artikolu 26(1) tal-Kapitolu 101 jippreskrivi illi: *"F'kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta' liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha."*

[18] Ara xhieda tal-imputat a fol. 29-30 tal-process.

1. Fl-ewwel lok din il-gustifikazzjoni ma taqbilx ma' dik li jaghti l-istess imputat fl-istqarrija tieghu, li ftit tal-hin qabel kien ghadu kemm ikkonferma fit-totalita taghha.
2. Fit-tieni lok, ma jaghti l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghalfejn ghal lejla wahda, kellu jgorr fuqu doza ta' *"tlieta jew erbat ijiem"*
3. Fit-tielet lok, billi skont l-istess xhieda tal-imputat huwa kien jikkonsma pillola u nofs ghal serata, dawk it-tmintax (18)-il pillola u nofs, fil-verita kienu jservuh ghal tnax (12)-il gurnata (18.5 pilloli divizi bi 1.5), u mhux ghal *"tlieta jew erbat ijiem."*

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti l-imputat ma irnexxielux jipprova sal-grad tal-probabbli li d-droga li instabet mill-pulizija kienet ghal uzu esklussiv tieghu. Inoltre, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, hemm provi u cirkostanzi bizzejjed biex iwassluha ghal konvinciment morali rikjest fil-kamp penali, li din id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-ammont ta' tmintax-il pillola u nofs ecstacy m'huwiex wiehed insinifikanti.

Ikkunsidrat ukoll illi meta gie arrestat, l-imputat kellu fedina penali netta, pero mill-fedina penali aggiornata tieghu jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri huwa kellu kundanna ghal traffikar tad-droga ecstacy, kellu fil-pussess tieghu canister *pepperspray* minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u li volontarjament ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor.

Huwa vera li jidher li l-hati issa qabad it-triq it-tajba, specjalment wara li hareg mill-habs fuq il-kundanna li kellu u jidher li sejjer tajjeb.[19] Izda dan il-fatt ma jezimix lill-imputat mill-piena, aktar u aktar meta l-legislatur stess ipprovda li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tas-sentenza sospiza u tal-*Probation of Offenders Act* ma japplikawx ghar-reat in dizamina (Artikolu

[19] Ara l-*pre-sentencing report* tal-Probation Officer Carmen Nygaard ezebit bhala Dok CN a fol. 40 *et seq.* tal-process.

120(7) tal-Kapitolu 31. Disposizzjoni identika tinsab fl-Artikolu 22(9) Kapitolu101. Dan effettivament ifisser li meta tinstab htija ta' traffikar ta' droga jew ta' pussess aggravat, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti hija tassattivament marbuta li tikkundanna lill-hati ghal piena ta' prigunerija effettiva u multa.

Kif osservat tajjeb il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess ta' l-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."* Fil-kaz odjern, mill-provi ma jirrizultax li l-imputat ghamel xi programm residenzjali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i), u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u ir-regolamenti 3(1) ta’ l-Avviz Legali 22/1985; issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal sena (1) prigunerija effettiva, kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ elf u hames mitt Euro (€1,500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ mitejn u hamsa u disghin Euro (€295), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------